2025/1096

28.5.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1096

tas-27 ta' Mejju 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK ([1]).

(2) Fis-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1510 ([2]) li testendi l-miżuri restrittivi li jinsabu fid-Deċiżjoni 2013/255/PESK sal-1 ta' Ġunju 2025.

(3) Wara l-waqgħa tar-reġim ta' al-Assad fis-Sirja, fl-24 ta' Frar 2025, il-Kunsill taffa għadd ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja sabiex jiffaċilita l-involviment mal-pajjiż, mal-poplu u man-negozji tiegħu fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tar-rikostruzzjoni, kif ukoll biex jiffaċilita t-tranżazzjonijiet finanzjarji u bankarji assoċjati.

(4) Fl-istess jum, il-Kunsill ħareġ dikjarazzjoni li tiddikjara li d-dežinjazzjonijiet relatati mar-reġim al-Assad, mas-settur tal-armi kimiċi u mal-kummerċ illeċitu tad-droga jenħtieġ li jinżammu. Il-Kunsill iddikjara wkoll li ser ikompli jeżamina jekk is-sospensjonijiet għadhomx adatti, abbażi tal-monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni fil-pajjiż, u ser jikkunsidra l-passi meħuda mis-Sirja għal tranżizzjoni inklużiva f'konformità mad-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet tranżizzjonali, inkluż l-irfigħ tar-responsabbiltà għar-reati tar-reġim ta' al-Assad, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tas-Sirjani kollha b'ebda tip ta' distinzjoni, u l-istat tad-dritt u d-dritt internazzjonali. Il-Kunsill appella biex tintemm l-interferenza fil-pajjiż ta' atturi barranin destabbilizzanti, filwaqt li fakkar fir-rispett għas-sovranità, l-integrità territorjali u l-għaqda tas-Sirja.

(5) Fl-20 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew issottolinja l-importanza ta' tranżizzjoni paċifika u inklużiva fis-Sirja, ħielsa minn interferenza barranija dannuża, u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-Sirjani minn kull sfond etniku u reliġjuż mingħajr diskriminazzjoni. Il-Kunsill Ewropew enfasizza ukoll li l-ġustizzja tranżizzjonali komprensiva, b'mod partikolari, hija essenzjali fit-triq lejn ir-rikonċiljazzjoni. Il-Kunsill Ewropew iddeskriva s-sospensjoni tal-miżuri restrittivi mill-Unjoni bħala parti minn approċċ gradwali u riversibbli abbażi ta' monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

(6) Fl-20 ta' Mejju 2025, il-Kunsill ħabbar id-deċiżjoni politika tiegħu li jneħħi s-sanzjonijiet ekonomiċi tiegħu fuq is-Sirja, biex jappoġġa lill-poplu Sirjan fir-riunifikazzjoni u l-bini mill-ġdid ta' Sirja ġdida, inklużiva, pluralistika u paċifika ħielsa minn interferenza barranija dannuża.

(7) Abbażi ta' dan, il-Kunsill iqis li l-miżuri restrittivi settorjali kollha jenħtieġ li jitneħħew, bl-eċċezzjoni ta' dawk ibbażati fuq raġunijiet ta' sigurtà.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/255/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1510 tas-27 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L, 2024/1510, 28.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1510/oj).

(8) Minkejja l-waqgħa tar-reġim ta' al-Assad u l-istabbiliment tal-awtoritajiet tranżizzjonali, is-sitwazzjoni fis-Sirja għadha instabbli u n-network ta' al-Assad, mifrux ġewwa s-Sirja u barra, għadu ma nżammx responsabbli u ma jistax jitqies bħala xolt. Għad hemm riskju kredibbli ta' destabbilizzazzjoni u qawmien mill-ġdid potenzjali tal-influwenza tar-reġim preċedenti, kif muri mill-inċidenti b'appoġġ għar-reġim ta' al-Assad immirati biex idgħajfu l-proċess tranżitorju, li wasslu għat-tixrid tad-demm fir-reġjun kostali tas-Sirja. L-individwi u l-entitajiet iddeżinjati marbuta mar-reġim ta' al-Assad għad għandhom rwoli influwenti qawwija u, permezz ta' finanzjament jew mezzi oħra, jippreżentaw ir-riskju li jappoġġaw kunflitt armat ulterjuri, u jista' jkollhom sehem f'tentattivi biex titreġġa' lura t-tranżizzjoni. Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-11 ta' Marzu 2025 f'isem l-Unjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà esprimiet thassib serju dwar il-vjolenza mifruxa fir-reġjun kostali tas-Sirja u kkundannat bil-qawwa l-attakki mill-milizzji favur Assad kontra l-forzi tas-sigurtà u d-delitti orribbli mwettqa kontra persuni ċivili, inkluż qtil sommarju, u enfasizzat f'dan ir-rigward li għandhom jittieħdu miżuri effettivi biex jiġi evitat li tali delitti jerġgħu jseħħu.

(9) Il-membri tal-familji al-Assad u Makhlouf u l-individwi assoċjati għad iridu jinżammu responsabbli għall-involviment tagħhom fir-repressjoni brutali kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja u jippreżentaw riskju li jippruvaw jeskalaw il-kunflitt u jfixklu t-tranżizzjoni paċifika fis-Sirja.

(10) Il-Ministri tal-Gvern Sirjan fil-poter wara Mejju 2011 taħt ir-reġim preċedenti ta' al-Assad għandhom jitqiesu responsabbli in solidum għall-politika ta' repressjoni li biha mexa r-reġim preċedenti ta' al-Assad u jkomplu jippreżentaw riskju għat-tranżizzjoni paċifika fis-Sirja.

(11) Il-milizzji, il-gruppi armati, il-forzi tas-sigurtà u l-korpi tal-intelligence marbuta mar-reġim preċedenti ta' al-Assad u leali għar-reġim preċedenti jippreżentaw riskju ta' eskalazzjoni u repressjoni ulterjuri kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.

(12) Fadal aktar minn 100 sit suspettat ta' armi kimiċi fis-Sirja wara l-waqgħa tar-reġim ta' al-Assad, għadd ferm ogħla minn kemm qatt kienu rikonoxxuti qabel il-waqgħa tar-reġim ta' al-Assad. Il-qerda tal-ħażniet ta' armi kimiċi li fadal tas-Sirja tibqa' prijorità biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni Sirjana, kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2024.

(13) Negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja marbuta mar-reġim ta' al-Assad u li akkwistaw ġid u poter sostanzjali minħabba din il-konnessjoni għadhom influwenti u n-networks tagħhom għadhom hemm. Għalhekk, dawn l-individwi jippreżentaw riskju inerenti ta' repressjoni vjolenti tas-soċjetà ċivili u t-tranżizzjoni paċifika fis-Sirja.

(14) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi li jinsabu fiha jiġu estiżi sal-1 ta' Ġunju 2026.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 27, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, tal-persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, ta' persuni li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim preċedenti ta' al-Assad, u ta' persuni assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I.

2. Skont il-valutazzjonijiet u d-determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill fil-kuntest tas-sitwazzjoni fis-Sirja kif stipulat fil-premessi 5 sa 12 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1836 (*) u premessi 8 sa 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1096 (**), l-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fi, jew it-tranżitu mit-territorji tagħhom ta':

(a) negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja marbuta mar-reġim preċedenti ta' al-Assad;

(b) membri tal-familji al-Assad jew Makhlouf;

(c) Ministri tal-Gvern Sirjan fil-poter bejn Mejju 2011 u Diċembru 2024;

(d) membri tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' 'kurunell' u fil-grad ekwivalenti jew ogħla fil-kariga bejn Mejju 2011 u Diċembru 2024;

(e) membri tas-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence Sirjani fil-kariga bejn Mejju 2011 u Diċembru 2024;

(f) membri tal-milizzji affiljati mar-reġim ta' al-Assad; jew

(g) persuni li joperaw fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi,

u persuni assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I.

(*) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1836 tat-12 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 75, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1836/oj).

(**) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1096 tas-27 ta' Mejju 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L, 2025/1096, 28.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1096/oj).";

(2) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim preċedenti ta' al-Assad, u persuni u entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. Skont il-valutazzjonijiet u d-determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill fil-kuntest tas-sitwazzjoni fis-Sirja kif stipulat fil-premessi 5 sa 12 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1836 u premessi 8 sa 13 tad-Deċiżjoni (PESK) 2025/1096, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn:

(a) negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja marbuta mar-reġim preċedenti ta' al-Assad;

(b) membri tal-familji al-Assad jew Makhlouf;

(c) Ministri tal-Gvern Sirjan fil-poter bejn Mejju 2011 u Diċembru 2024;

(d) membri tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' 'kurunell' u fil-grad ekwivalenti jew ogħla fil-kariga bejn Mejju 2011 u Diċembru 2024;

(e) membri tas-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence Sirjani fil-kariga bejn Mejju 2011 u Diċembru 2024;

(f) membri tal-milizzji affiljati mar-reġim ta' al-Assad; jew

(g) membri ta' entitajiet, unitajiet, aġenziji, korpi jew istituzzjonijiet li joperaw fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi,

u persuni u entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.";

(b) paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-entitajiet elenkati fl-Anness I.";

(c) paragrafu 6, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness I u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inkluż ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka immobiljari, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;";

(d) paragrafu 6, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) maħsuba għal entitajiet li huma l-proprjetà tal-Istat Sirjan, kif elenkati fl-Anness I, biex jagħmlu ħlasijiet f'isem ir-Repubblika Għarbija Sirjana lill-OPCW għal attivitajiet relatati mal-missjoni ta' verifika tal-OPCW u mal-qerda ta' armi kimiċi Sirjani, u partikolarment lill-Fond Fiduċjarju Speċjali Sirjan tal-OPCW għal attivitajiet relatati mal-qerda totali ta' armi kimiċi Sirjani barra t-territorju tar-Repubblika Għarbija Sirjana.";

(e) paragrafu 7, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali meħuda qabel id-data li fiha l-persuna jew l-entità msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 tkun ġiet elenkata fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;";

(f) paragrafu 7, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) id-deċiżjoni mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità elenkata fl-Anness I; u";

(g) jitħassar il-paragrafu 9;

(h) paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. Il-paragrafi 1, 2 u 5 m'għandhomx japplikaw għal trasferiment, minn jew permezz ta' entità finanzjarja elenkata fl-Anness I, ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi fejn it-trasferiment ikun relatat ma' ħlas minn persuna jew entità mhux elenkata fl-Anness I b'rabta mal-appoġġ finanzjarju mogħti lil ċittadini Sirjani li jkunu qed isegwu edukazzjoni, taħriġ professjonali jew ikunu impenjati f'riċerka akkademika fl-Unjoni, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina, skont il-każ, li l-ħlas ma jiġix irċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafi 1 jew 2.";

(i) jitħassar il-paragrafu 15;

(j) jitħassar il-paragrafu 16;

(3) Artikolu 28a huwa emendat kif ġej:

(a) paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(5) ma għandhiex tapplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-entitajiet elenkati fl-Anness I minn korpi pubbliċi, jew minn persuni ġuridiċi jew entitajiet li jirċievu finanzjament pubbliku biex jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew biex tingħata assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, fejn dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jingħataw għax-xiri jew it-trasport ta' prodotti petroliferi, jew finanzjament jew assistenza finanzjarja assoċjati, għall-uniku skop li jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew li tingħata assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.";

(b) paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(5) ma għandhiex tapplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew tal-entitajiet elenkati fl-Anness I minn missjonijiet diplomatiċi jew konsulari.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"7. B'deroga mill-Artikolu 28(1), (2) u (5), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, lill-entitajiet elenkati bħala Numru 42 u Numru 43 fit-'Taqsima B. Entitajiet' fl-Anness I, bil-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huwa meħtieġ li jingħataw għall-kooperazzjoni bejn dawk l-entitajiet u entità jew korp governattiv ta' Stat Membru fl-oqsma tar-rikostruzzjoni, tal-bini tal-kapaċitajiet, tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-migrazzjoni.

8. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifika għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti rilevanti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 7, dik l-awtorizzazzjoni għandha titqies mogħtija.

9. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 7 fi żmien erba' ġimgħat minn tali awtorizzazzjoni.";

(4) Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*

L-ebda pretensjoni, inkluż dik għal kumpens jew indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija, multi jew pretensjoni koperta minn garanzija, pretensjonijiet għal estensjoni jew pagament ta' bond, garanzija finanzjarja, inkluż pretensjonijiet li jirriżultaw minn ittri ta' kreditu u minn strumenti simili f'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom kien ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni, m'għandha tingħata lill-persuni jew l-entitajiet indikati elenkati fl-Anness I , jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra fis-Sirja, inkluż il-Gvern tas-Sirja, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, jew lil kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe tali persuna jew entità.";

(5) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness I.";

(6) Artikolu 31 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 31*

1. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għad-deżinjazzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati.

2. L-Anness I għandu jinkludi wkoll, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward ta' persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inkluż l-ismijiet assunti, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaporti u tal-karti tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.";

(7) Artikolu 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 34*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-1 ta' Ġunju 2026. Għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux. L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28a(1) sa (4) fir-rigward tal-Artikolu 28(1), (2) u (5) għandhom jiġu rieżaminati f'intervalli regolari, u mill-inqas kull 12-il xahar, jew fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.

2. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-prevenzjoni tal-ksur tad-drittijiet sovrani tal-Istati Membri fiż-żoni marittimi tagħhom f'konformità mal-liġi tal-baħar. Fuq talba ta' Stat Membru, kwalunkwe ksur bħal dan għandu immedjatament jiskatta diskussjoni għall-emenda ta' miżuri restrittivi, fil-kuntest tar-rieżami kostanti tal-miżuri restrittivi.";

(8) Artikoli 5, 6, 7, 7a, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26 u 28b jitħassru;

(9) Anness II jitħassar;

(10) Anness III jitħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA